# Marco Montebello



## *L-iskultur ta' l-Appostli tar-Rotunda*

*kitba tal-qarib tiegħu Ivan SCERRI*

**Tul** il-medda tas-snin fil-gżejjer Maltin twieldu diversi persuni li għamlu isem u unur kbir lill-dawn il-gżejjer f'nofs il-baħar Mediterran fil-qasam ta' l-arti. Żgur li wieħed mill-aktar artisti magħrufin kien l-iskultur Marco Montebello, li ħadem l-isbaħ statwi fil-ġebla tal-franka Maltija. Kien skultur li għadda ħajtu kollha jaħdem numru kbir ta' xogħlijiet ta' l-arti, u b'hekk żejjen bosta knejjes, ċimiterji, pjazez u toroq ta' pajjiżna. Din is-sena 2003 nixtieq insellimlu f'għeluq il-15-il anniversarju mill-mewt tiegħu. L-iskultur Marco Montebello jiġi kuġin tan-nannu tiegħi Ġanni Zammit, missier ommi.

## Min kien Marco Montebello

Marco twieled f'Ħal Qormi fil-parroċċa ta' San Ġorġ Martri nhar id-9 ta' Jannar 1915, iben Ġużeppi u Ġużeppa mwielda Zammit miż-Żurrieq. Min-naħa t'ommu kellu żewġ antenati skulturi, nannuh Carmelo Zammit - missier ommu (jiġi l-bużnannu tiegħi), li kien skultur u ħadem diversi statwi tal-ġebel għall-faċċati tal-knejjes parrokkjali tal-Gudja, taż-Żurrieq u tas-Siġġiewi.

Ħadem ukoll żewġ statwi kbar tal-kartapesta li jintramaw fuq iz-zuntier tal-knisja arċipretali taż-Żurrieq, flimkien ma' diversi statwi ta' qaddisin u profeti li jintramaw fuq uħud mill-artali fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq.

Tiegħu wkoll huma wħud mill-istatwi tal-filosofi, li jiġu armati f'Misraħ ir-Repubblika fil-festa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq. Nannuh, barra li kien skultur, kien ukoll Surmast tal-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, ta' San Nikola tas-Siġġiewi, u ta' l-orkestra Bellini tal-Qrendi (li wara saret il-Banda Madonna ta' Lourdes) u Santa Katarina taż-Żejtun. Mexxa għal xi żmien ukoll il-Banda Santa Katarina taż-Żurrieq qabel l-ewwel gwerra dinjija.

Iben Carmelo, Antonio Zammit (iz-ziju ta' Marco min-naħa t'ommu), kien ukoll skultur u pittur. Dan kien tgħallem fl-iskola ta' l-arti tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni tal-magħruf pittur Malti, Giuseppe Calì. Fost ix-xogħol tiegħu nsibu żewġ statwi fil-faċċata tal-knisja ta' Kristu Rè f'Raħal Ġdid, dik tal-Madonna ta' Lourdes fil-faċċata tal-Każin tal-Banda Lourdes tal-Qrendi, u statwa kbira tal-Madonna tal-Karmnu fiċ-ċimiterju taż-Żurrieq.

L-unika pittura li għamel huwa kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab fuq l-artal tagħha fil-knisja arċipretali taż-Żurrieq. Kien għalhekk li sa minn ċkunitu, Marco wera interess kbir fil-qasam ta' l-arti. Kien iħobb jilgħab bit-tafal u jaqta' d-disinni u meta kellu tnax-il sena, ħadem bil-ġebel statwa ta' San Ġorġ - replika ta' l-istess statwa titulari ta' Ħal Qormi.

Meta kien jattendi l-iskola primarja ta' Ħal Qormi kien jgħallmu d-disinn Ramiro Calì, iben il-pittur Giuseppe. Dan mill-ewwel intebaħ bil-kapaċità li kellu Marco, u ħajru sabiex jattendi l-iskola ta' l-arti fil-Belt, fejn studja d-disinn taħt id-direzzjoni ta' Robert Caruana Dingli u l-mudellatura ma' Antonio Micallef.

## Bidu tal-karriera

Fl-1937 ħadem statwa ta' Santa Marija għal fuq qabar privat u ismu tant sar popolari li ġabuh fuq ġurnal lokali. Fl-1939, waqt li kien qiegħed jaħdem fil-kappella tal-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu, ix-xogħol laqqgħu ma' l-iskultur ta' fama Antonio Sciortino. Dan l-iskultur Żebbuġi, li ommu kienet Mostija, kien qed f'dak il-Palazz sabiex jissorvelja x-xogħol. L-iskultur Sciortino kien espert fl-arkitettura klassika, u meta ra kif kien jaħdem Montebello, fdalu x-xogħol ta' sitt statwi għall-faċċata tal-knisja parrokkjali ta' Ħ'Attard.




*L-istatwa ta' San Bert Appostlu, fil-portiku tar-Rotunda tal-Mosta. Din ġiet imħallsa mill-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina.*
*(ritratt: Ivan Scerri)*

Dawn ġew maħduma fil-ġebel fuq il-buzzetti ta' l-iskultur Francesco Saverio Sciortino, li jiġi ħu Antonio. Montebello, tant kien magħruf bħala ġenju fost l-artisti, li l-iskultur Ċensu Apap fdalu f'idejh ix-xogħol ta' statwa ta' Kristu għal fuq il-frontispizju tal-knisja taż-Żurrieq.

## Suldat fil-gwerra



*Wieħed mill-monumenti funebri li jinsab fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, xogħol ta' Marco Montebello. (ritratt: Ivan Scerri)*

Waqt li kien fil-bidu tal-karriera tiegħu faqqgħet it-tieni gwerra dinjija, u bħal ħafna oħrajn nġabar bil-lieva biex iservi ta' suldat. Hawn l-awtoritajiet Ingliżi ndunaw bit-talenti kbar tiegħu tant li tawh xogħol fil-qasam ta' l-arti. Huwa ngħata l-grad ta' Surġent u kellu miegħu numru ta' persuni biex jieħu ħsiebhom jaħdmu. Fost dawn in-nies kien hemm anke priġunieri tal-gwerra.

Hekk kif spiċċat il-gwerra, Marco beda xogħol ta' restawr fil-katidral Anglikan ta' San Pawl tal-Belt u fil-kappella tas-Suldati f'Tignè tas-Sliema. Ħadem ukoll fir-restawr tal-knisja ta' Santu Wistin tal-Belt u fil-Bażilika ta' Marija Bambina ta' l-Isla, wara l-ħsarat kbar li kienu ġarrbu matul il-gwerra dinjija.

Fi żmien ir-rikostruzzjoni tal-Bażilika ta' l-Isla, ħadem l-iskultura tal-koppla, il-faċċata tal-kor, il-prospettivi ta' l-erba' artali tal-kappelluni, il-kappella tas-Sagrament, kif ukoll xi partijiet mill-iskultura tal-faċċata ta' barra. Kien għamel ukoll xogħol ta' restawr fl-Oratorju tal-Kurċifiss, fejn ħadem statwa ta' anġlu bis-salib f'idejh għall-istess Oratorju.

Ħadem ukoll fil-ġebel il-gallarija ta' l-orgni, u fl-aħħar żmien ta' ħajtu lesta l-iskultura tal-kappelluni billi naqax fl-irħam erba' pari ta' puttini (anġli) bl-istemmi tal-Papiet u b'simboli oħra madwar il-kwadri.

## Xogħol tiegħu madwar Malta

Diversi huma x-xogħlijiet li ħarġu minn idejn dan l-iskultur Qormi, maħduma fil-ġebla tal-franka Maltija. Fost l-istatwi li ħadem insibu dik ta' Santu Wistin mal-kantuniera tal-knisja tiegħu tal-Belt Valletta. Din saret mill-ġdid flok oħra li nqerdet il-gwerra. Fil-pjazza tal-knisja ta' l-Agostinjani tar-Rabat f'Malta, ħadem l-istatwi ta' San Anton Abbati u Santu Wistin, billi t-tnejn oriġinali kienu spiċċaw biż-żmien.

Għal fuq il-kampnar tal-knisja tal-Patrijiet Franġiskani tal-Ħamrun, ħadem statwa kbira ta' San Franġisk t'Assisi. F'Ħaż-Żabbar ħadem l-istatwa tal-Papa Alessandru VII, li qabel sar Papa kien inkwiżitur f'Malta u kellu devozzjoni lejn is-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar.

Għall-faċċata tal-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini tal-Floriana, ħadem l-istatwi ta' San Publiju u San Pawl, filwaqt li ħadem ukoll dik ta' San Franġisk f'kantuniera ta' triq fil-Floriana minflok oħra li kienet inqerdet fl-aħħar gwerra dinjija.

F'Ħaż-Żebbuġ għal fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali, ħadem erba' statwi li huma ta' San Lawrenz, Sant'Antnin, San Ġużepp u San Ġwann Evanġelista. Għall-istess lokalità ħadem ukoll l-istatwi ta' San Filep u Santa Marija, għal fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Ħal Muxi.

FĦal Qormi għal fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Bastjan, ħadem l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl, filwaqt li għal faċċata tal-knisja tan-Naxxar ħadem erba' statwi oħra, li huma ta' San Pietru, San Pawl, Sant'Anna u San Ġwakkin.

Statwi oħra ta' Montebello li nsibu huma: San Ġwann Evanġelista f'Ħal Għargħur, il-Madonna fuq luzzu fil-faċċata tal-knisja ta' Marsaxlokk, u dik tal-Madonna fil-faċċata tal-kappella tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda.

Fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Madonna ta' l-Abbandunati fil-Wardija nsibu l-istatwi ta' San Mikiel u San Bernard, kif ukoll dik tal-Kunċizzjoni fuq il-kamapnar ta' l-istess knisja.

Statwi oħra ta' Montebello huma dwak li nsibu fil-bieb prinċipali tal-belt ta' l-Imdina, fuq wara. Dawn saru flok dawk oriġinali li kienu tmermru, u huma tat-tliet qaddisin patruni ta' Malta: San Pawl, Sant'Agata u San Publiju.

Għal fuq il-kampnar tal-knisja tas-Sagra Familja fil-Bidnija, ħadem l-istatwa li tirrappreżenta l-Fidi. Din kienet saret minflok oħra li kienet tmermret biż-żmien.

Minn barra dawn l-istatwi kollha, l-isklutur Montebello ħadem ukoll numru kbir ta' statwi oħra li jinsabu f'diversi niċeċ fit-toroq Maltin, kif ukoll għadd ta' monumenti funebri kemm fil-ġebel kif ukoll fl-irħam f'diversi ċimiterji, b'mod speċjali f'dak ta' l-Addolorata.



***Statwa tal-Madonna fuq il-faċċata tal-kappella tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda – xogħol Marco Montebello fl-1962.***



*L-istatwa ta' San Ġakbu l-Kbir, qabel ma tpoġġiet f'waħda min-niċeċ fil-portiku tar-Rotunda. Din ġiet imħallsa minn Dun Karm Mifsud, Kappillan Onorarju tas-Soċ. Fil. Nicolò Isouard.*

Marco ħadem ukoll diversi statwi għall-Każini tal-Banda, fosthom dik ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel għall-Każin tal-Banda ta' l-istess qaddis f'Ħal Qormi, Santa Katarina fiż-Żurrieq u Santa Marija fl-Imqabba.

Xi xogħol tiegħu nsibuh ukoll barra minn Malta. Per eżempju f'Londra fin-*National Rose Royal Society* ta' St. Albans, ħadem bażi dekorattiva ta' arloġġ tax-xemx, kif ukoll statwa ta' San Franġisk fl-Awstralja u oħra ta' Santa Marija fl-Indja!

## Il-kapulavur ta' Montebello

Iżda ħafna kritiċi jqisu, li fost il-ħafna xogħlijiet ta' dan l-iskultur kbir, il-kapulavur tiegħu jibqgħu bla dubju ta' xejn l-istatwi tat-tnax-il Appostlu li jinsabu fil-portiku u fil-faċċata tar-Rotunda monumentali tal-Mosta. Din l-opra hekk kbira ta' l-arti, kienet saret bit-tħabrik ta' l-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Dun Bartilmew Bezzina (illum Monsinjur tal-Katidral ta' Malta). Dawn saru bejn is-snin 1966 u 1974, u ġew imħallsa minn diversi benefatturi Mostin li isimhom huwa minqux taħt kull statwa. Fihom mat-tmien piedi kull waħda u huwa kkalkulat li jiżnu madwar żewġ tunnellati 'l waħda.

Ftit qabel il-festa ta' Santa Marija ta' l-1966 kienu tpoġġew f'posthom l-ewwel erba' statwi, jiġifieri dik ta' **San Ġwann**, **San Tumas**, **Sant'Andrija** u **San Ġakbu l-Kbir**. Lejliet il-festa ta' l-Epifanija ta' l-1968 kienu tqegħdu l-istatwi ta' **San Filippu** u **San Bartilmew**, filwaqt li f'Lulju ta' l-istess sena tqegħdu l-istatwi ta' **San Ġakbu ż-Żgħir** u **San Mattew**. F'Lulju ta' l-1969 kienu tpoġġew l-istatwi ta' **San Xmun** u **San Ġuda Taddew**, filwaqt li fit-30 ta' Marzu ta' l-1974 tqegħdu l-aħħar żewġ statwi fuq pedestall, dik ta' **San Pietru** u **San Pawl**.

## Il-familja tiegħu

L-iskultur Montebello kien miżżewweġ darbtejn. L-ewwel żwieġ tiegħu kien sar fl-1940 ma' Marija mwielda Mangion minn Ħal Qormi. Minn dan iż-żwieġ kellhom żewġ ulied - Doris u Tarcisio, li hu wkoll skultur. Wara l-mewt ta' l-ewwel mara, Marco reġa' żżewweġ fl-1950 lil Rosina, imwielda Zammit minn Ħal Qormi wkoll, u kellhom lil George (illum mejjet) u John, li hu skultur ukoll. Fl-ewwel snin, Marco kien joqgħod f'Ħal Qormi, imbagħad mar Ħal Tarxien u fl-aħħar snin għex ġewwa Raħal Ġdid.



*Il-qabar fejn jinsab midfun l-iskultur Marco Montebello fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. (ritratt: Ivan Scerri)*



*Dettall ta' l-istatwa ta' Kristu fuq il-qabar ta' l-iskultur Montebello, li kien ħadem hu stess fl-irħam. (ritratt: Ivan Scerri)*

## Il-karattru u l-passatempi

Montebello kien ta' karattru ferrieħi u kwiet. Kien bniedem tassew umli li qatt ma ftaħar bit-talenti tiegħu, tant li kien iħobb jgħallem minn dak kollu li kien jaf lil ħaddieħor. Bħala passatemp kien iħobb jisma' l-opra lirika, u l-aktar kompożitur favorit tiegħu kien Giuseppe Verdi. Passatemp ieħor li kellu kien il-qari, fejn kien iqatta' bejn tlieta u erba' siegħat jaqra kuljum. Kien jippreferi kotba dwar l-arti, l-istorja u biografiji.

L-iskultur Marco Montebello miet nhar it-12 ta' ta' Lulju 1988, fl-età ta' 73 sena, u ġie midfun fil-qabar tal-familja tiegħu fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Fuq qabru għandu monument mill-isbaħ bi statwa ta' Kristu qed iħaddan miegħu is-Salib - statwa li kien ħadem huwa stess fl-irħam abjad. F'Ħal Qormi, belt twelidu, hemm triq imsemmija għalih, kif ukoll oħra fil-Mosta, wara r-Rotunda.

**Referenzi**:

a) **'It-Torċa'** tal-Hadd, 19 ta' Jannar 2003, p. 26. Ulied is-seklu l-iehor - Marco Montebello (1915-1988), artiklu tas-sur Joe Julian Farrugia,

b) **Maltesse Biographies of the Twentieth Century**, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997, p. 426. Marco Montebello - Sculptor, by Michael J. Schiavone.

c) **Storja tal-Mosta**, miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn, 1972. Żieda XII - Opri u ġrajjiet fir-Rotunda u iżjed xogħlijiet fir-Rotunda, kitba tas-sur Joe Borg, p. 453-454.

d) **'Il-Mosta'**, Nru. 180, Jannar-April 2003, p. 4. Dawra madwar il-Knisja Arċipretali tagħna, artiklu tas-sur Joe Borg.